C/2024/842

17.1.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/842)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Overijssel"

PGI-NL-A0968-AM06

Data tal-komunikazzjoni: 17.10.2023

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

Emenda tal-lista ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid

Din l-emenda tibdel il-varjetajiet ta' għeneb awtorizzati għall-IĠP Overijssel kif inklużi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u fid-Dokument Uniku, u hija aġġornament b'riżultat tal-prattika.

Deskrizzjoni u raġunijiet

Deskrizzjoni

Żdiedu seba' varjetajiet oħra mal-lista ta' varjetajiet awtorizzati għal din l-IĠP, jiġifieri:

Pinot Grigio

Accent N

Allegro N

Bolero N

Saphira N

Divicio N

Divona B

Raġunijiet: Qegħdin jiġu żviluppati varjetajiet ġodda ta' għeneb u dawn qegħdin jiżdiedu mal-katalgu tal-varjetajiet tal-OIV wara perjodu twil ta' żvilupp u proċeduri estensivi ta' awtorizzazzjoni, meta jiġu awtorizzati. Jekk dawn il-varjetajiet jiġu inklużi fil-katalgu tal-varjetajiet tal-OIV, jistgħu jkunu eliġibbli wkoll biex jiżdiedu mal-lista ta' varjetajiet awtorizzati għal din l-IĠP.

Din l-emenda hija emenda standard għaliex ma tikkonċernax l-isem tal-IĠP, il-kategorija tal-prodott, ir-rabta jew ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

   Overijssel

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   IĠP - indikazzjoni ġeografika protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

   1. Inbid

   4. Inbid spumanti

   5. Inbid spumanti ta' kwalità

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

8. Inbid semispumanti

9. Inbid semispumanti bil-gass

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Kategorija tal-inbid 1: inbid

DESKRIZZJONI QASIRA

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod huma friski u b'togħma ta' frott, u huma kemxejn robusti b'noti primarjament veġetali iżda wkoll tropikali.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn xi frott iswed iżda anki aħmar, u huma robusti.

Karatteristiċi analitiċi

Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE / fl-ordnijiet ministerjali Netherlandiżi japplikaw fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

— Qawwa alkoħolika totali massima

— Aċidità volatili massima

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit

— Arrikkiment, deaċidifikazzjoni u aċidifikazzjoni massimi wara l-approvazzjoni

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	6,5
Aċidità totali minima	59,85 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. Kategorija tal-inbid 4: inbid spumanti

DESKRIZZJONI QASIRA

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod huma friski u b'togħma ta' frott, u huma kemxejn robusti b'noti primarjament veġetali iżda wkoll tropikali.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn xi frott iswed iżda anki aħmar, u huma robusti.

Karatteristiċi analitiċi

Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE / fl-ordnijiet ministerjali Netherlandiżi japplikaw fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

— Qawwa alkoħolika totali massima

— Aċidità volatili massima

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit

— Arrikkiment, deaċidifikazzjoni u aċidifikazzjoni massimi wara l-approvazzjoni

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	6,5
Aċidità totali minima	59,85 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

3. Kategorija tal-inbid 5: inbid spumanti ta' kwalità

DESKRIZZJONI QASIRA

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod huma friski u b'togħma ta' frott, u huma kemxejn robusti b'noti primarjament veġetali iżda wkoll tropikali.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn xi frott iswed iżda anki aħmar, u huma robusti.

Karatteristiċi analitiċi

Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE / fl-ordnijiet ministerjali Netherlandiżi japplikaw fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

— Qawwa alkoħolika totali massima

— Aċidità volatili massima

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit

— Arrikkiment, deaċidifikazzjoni u aċidifikazzjoni massimi wara l-approvazzjoni

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	6,5
Aċidità totali minima	59,85 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

4. Kategorija tal-inbid 8: inbid semispumanti

DESKRIZZJONI QASIRA

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod huma friski u b'togħma ta' frott, u huma kemxejn robusti b'noti primarjament veġetali iżda wkoll tropikali.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn xi frott iswed iżda anki aħmar, u huma robusti.

Karatteristiċi analitiċi

Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE / fl-ordnijiet ministerjali Netherlandiżi japplikaw fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

— Qawwa alkoħolika totali massima

— Aċidità volatili massima

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit

— Arrikkiment, deaċidifikazzjoni u aċidifikazzjoni massimi wara l-approvazzjoni

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	6,5
Aċidità totali minima	59,85 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. Kategorija tal-inbid 9: inbid semispumanti bil-gass

DESKRIZZJONI QASIRA

Karatteristiċi organolettiċi

L-inbejjed bojod huma friski u b'togħma ta' frott, u huma kemxejn robusti b'noti primarjament veġetali iżda wkoll tropikali.

L-inbejjed ħomor huma kkaratterizzati minn xi frott iswed iżda anki aħmar, u huma robusti.

Karatteristiċi analitiċi

Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-UE / fl-ordnijiet ministerjali Netherlandiżi japplikaw fir-rigward tal-karatteristiċi li ġejjin:

— Qawwa alkoħolika totali massima

— Aċidità volatili massima

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit

— Arrikkiment, deaċidifikazzjoni u aċidifikazzjoni massimi wara l-approvazzjoni

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	6,5
Aċidità totali minima	59,85 milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1.

Prattika enoloġika speċifika

GĦENEB ABJAD => ħsad, għażla, għasir, irfinar minn qabel, fermentazzjoni, irfinar/tqaddim, ibbottiljar

GĦENEB AĦMAR => ħsad, għażla, tisħiq/tneħħija taz-zkuk, fermentazzjoni primarja, għasir, fermentazzjoni malolattika, irfinar/tqaddim, ibbottiljar

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Għeneb abjad

   95 ettolitru għal kull ettaru

2. Għeneb aħmar

   80 ettolitru għal kull ettaru

6. **Żona ġeografika demarkata**

Il-Provinċja ta' Overijssel, delimitata mill-fruntieri provinċjali stabbiliti f'konformità mal-Kostituzzjoni.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Accent N

Acolon

Allegro N

Auxerrois B

Bacchus B

Baco Noir

Baron N

Bianca B

Birstaler Muskat

Bolero N

Bronner B

Cabaret Noir N (VB-91-26-4)

Cabernet Blanc B (VB-91-26-1)

Cabernet Cantor N

Cabernet Carbon N

Cabernet Carol N

Cabernet Cortis

Cabernet Cubin

Cabernet Dorio

Cabernet Dorsa

Cabernet Franc N

Cabernet Jura

Cabernet Mitos

Cabernet Sauvignon

Cabertin N (VB-91-26-17)

Calandro N

Calardis Blanc B

Carmenere
Chardonnay B
Dakapo
Divicio N
Divona B
Domina N
Dornfelder N
Dunkelfelder N
Excelsior
Faber B
Felicia B
Florental N
Frühburgunder N
Gamaret N
Gamay N
Gewürztraminer Rs
Golubok N
Hegel
Helios
Hibernal B
Huxelrebe B
Hölder B
Johanniter B
Juwel B
Kerner B
Kernling B
Landal N
Laurot N
Léon Millot N
Maréchal Foch N
Melody
Merlot
Merzling B
Meunier N
Monarch
Morio Muscat B
Muscaris B
Muscat Blanc
Muscat Blue
Müller Thurgau B
Orion B
Ortega B
Palatina
Phoenix B

Pinot Grigio

Pinot Gris G

Pinot Blanc B

Pinot Noir N

Pinotin N

Plantet N

Polo Muscat B

Portugiezer N

Prior N

Rayon d'Or B

Reberger

Regent N

Reichensteiner B

Riesling B

Rinot B

Rondo N

Roter Elbling Rs

Ruländer G

Saphira N

Satin Noir N (VB-91-26-29)

Sauvignac B (Cal 6-04)

Sauvignon Blanc B

Sauvignon Soyhieres B (VB-32-7)

Sauvitage B

Scheurebe B

Schönburger Rs

Seyval B

Siegerrebe Rs

Silcher B

Sirius

Solaris

Souvignier Gris

Saint Laurent

Staufer

Sylvaner B

Syrah

Tempranillo

Villaris B

Viognier B

Würzer B

Zweigeltrebe N

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Żona ġeografika: deskrizzjoni u klima*

Il-biċċa l-kbira tal-ħamrija tikkonsisti f'ramel fin u fin ġulġlieni (geest).

Fil-Lvant hemm żoni iżgħar ta' ramel fin b'tafal iebes bil-blat f'fond ta' inqas minn 120 cm.

Fil-Grigal u fil-Majjistral jinsabu f'xi postijiet depożiti elevati tal-pit.

Fil-Lvant, qrib il-fruntiera mal-Ġermanja, għad hemm ftit morini iżgħar u aktar antiki (fir-reġjun ta' Oldenzaal/Ootmarsum).

Fiċ-ċentru hemm formazzjonijiet mill-aħħar Era Glaċjali li jikkonsistu primarjament f'ramel fluvjali fin u aħrax (ħafna drabi b'ħafna żrar) (il-Park Nazzjonali ta' Sallandse Heuvelrug).

Hemm strixxa dejqa ta' tafal fluvjali tul ix-xtut tal-IJssel.

Il-klima hija kkaratterizzata minn:

— xita medja ta' 837 mm/sena

— 1 547 siegħa ta' xemx fis-sena (Twente)

— temperatura medja ta' 9,6 °C tul is-sena kollha u 16,7 °C matul is-sajf

— differenza ta' 9,5 °C bejn it-temperatura ta' binhar u dik ta' billejl f'Settembru

8.2. *Rabta kawżali*

Il-klima tippermetti li jinkisbu r-rendiment u s-sajran iddikjarati. Is-sajran tal-għeneb huwa espress fi nbid frisk u b'togħma ta' frott b'noti veġetali iżda wkoll tropikali, u fi nbid aħmar ikkaratterizzat minn frott iswed u aħmar.

9. Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)

Qafas legali:

Regoli tal-UE

Tip ta' rekwiżit ieħor:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika ddefinita

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Żona viċin ħafna għall-produzzjoni tal-inbid

Fir-rigward taż-żona tal-produzzjoni għall-produzzjoni tal-inbid (vinifikazzjoni), il-provinċji Netherlandiżi kollha huma definiti bħala fil-qrib ħafna.

L-inbid bażi, kollu jew parti minnu, magħmul fiż-żona koperta mill-IĠP jew f'żona viċin ħafna jista' jiġi bbottiljat minn kuntrattur bħala inbid semispumanti jew spumanti.

Dan jista' jsir barra miż-żona tal-IĠP jew miż-żona fil-qrib ħafna filwaqt li jżomm id-denominazzjoni tal-IĠP. F'dak il-każ, il-bottiljatur irid jiġi indikat fuq it-tikketta wkoll, possibbilment bl-użu ta' numru tal-kodiċi (ibbottiljat minn..... għal.....).

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.rvo.nl/sites/default/files/2023-06/BGA_Overijssel_productdossier_2023.pdf